MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2000

Citazzjoni Numru. 150/2000/1

**Emanuel, John, Marcel, Salvu, Carmela mart Ganni Bajada, u Josephine mart Anthony Bajada, ilkoll ahwa Agius .**

**Vs**

**Salvina Pace, li b'degriet tat-18 ta' Settembru, 2000 giet nominata kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lil Giovann xebba Spiteri li ma hix kapaci toqghod f'gudizzju; u ghal kull interess li jista' jkollhom Emmanuel Spiteri u Charles Edward, Alveene mart Joseph Refalo u Jason John ahwa Spiteri .**

**Il-Qorti,**

**Rat ic-citazzjoni li permezz taghha, l-atturi wara li ppremettew :**

**Illi huma ghandhom taht il-kura taghhom lill-imsemmija Giovanna Spiteri z-zija materna taghhom**

**ta’ tnejn u sebghin sena, bint il-mejtin Joseph Spiteri u Guzeppa nee’ Spiteri mwielda x-Xewkija, Ghawdex;**

**Illi kif jidher anki mill-kopji tac-certifikati annessi Dokumenti A, B, C u D l-imsemmija Giovanna Spiteri tbati minn infirmitajiet mentali serji li jirrenduha mhix kapaci sabiex tamministra hwejjigha u tiehu hsieb l-interessi taghha .**

**Illi l-beni li jappartjenu lill-istess Giovanna Spiteri huma dawk li jirrizultaw mill-anness Dokument E .**

**Illi ghal hekk hemm lok li ssir l-interdizzjoni ta’ l-istess Giovanna Spiteri u jinhatar kuratur sabiex jiehu hsieb l-interessi taghha u jamministra hwejjigha .**

**Illi l-esponenti gia ppromwovew din it-talba quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja (Rikors 59/2000) izda minhabba l-oggezzjonijiet tal-konvenuti l-ohra l-esponenti gew diretti sabiex iressqu t-talba taghhom quddiem din l-Onorabbli Qorti .**

**Illi l-oggezzjoni tal-konvenuti hija minghajr ebda sens fil-ligi u motivata biss b’malizzja .**

**Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;**

1. **Tordna l-interdizzjoni ta’ l-imsemmija Giovanna Spiteri ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi .**

2. **Tahtar lil xi hadd mill-atturi jew kwalunkwe persuna ohra li din l-Onorabbli Qorti thoss li hija idonea, bhala kuratur ta’ l-istess u stante n-natura tal-beni appartenenti lill-imsemmija Giovanna Spiteri tezentah mill-obbligu tal-inventarju li minfloku jaghmel tajjeb l-imsemmi Dokument E .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri quddiem il-Qorti ta’ Gurisdizzjoni Volontarja fuq imsemmija .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi kkonfermata bil-gurament ta' Emanuel Agius .**

**Rat id-dokumenti l-ohra annessi mac-citazzjoni .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Emanuel Spiteri, Charles Edward, Alveene mart Joseph Refalo u Jason John ahwa Spiteri, li biha eccepew :**

1. **Illi huma qatt ma opponew u lanqas qeghdin jopponu ruhhom a rigward tal-ewwel talba attrici stante li l-partijiet kollha jaqblu li Giovanna Spiteri tbati minn infermitajiet mentali serji li jirrenduha mhix kapaci sabiex tamministra hwejjigha u tiehu hsieb l-interessi taghha ;**

2. **Illi anke a rigward tat-tieni talba attrici l-eccipjenti mhumiex qeghdin jopponu ruhhom u lanqas qatt ma opponew ruhhom sabiex jigi nominat kuratur bl-inkarigu li jamministra hwejjeg l-interdetta basta li dan l-inkarigu jigi afdat f'idejn persuna idonea u li tkun kapaci twettaq dmirha bl-akbar reqqa u b'responsabbilita' u li tkun tgawdi l-fiducja tal-familjari u qraba tal-interdetta u cioe' tal-partijiet kollha in kawza u mhux biss tal-atturi u tal-kuratur deputat Salvina Pace ;**

3. **Illi l-eccipjenti ma jaqblux li jigi nominat kuratur ta' hwejjeg l-interdetta xi hadd mill-atturi li qatt ma hadu hsiebha jew taw kaz taghha, jew il-kuratur deputat Salvina Pace, billi l-interess taghhom mhuwiex il-gid tal-interdetta izda li jahkmulha gidha kollha kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza ;**

4. **Illi kienu l-atturi li naqsu li jindikaw persuna idonea u accettabbli ghall-partijiet kollha f'din il-kawza minkejja li l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja kienet ordnatilhom jaghmlu dan flimkien mal-konvenuti kollha b'degriet tad-9 ta' Gunju, 2000 [Rikors 59/00], u din il-kawza setghet tigi evitata billi l-eccipjenti kienu u ghadhom dejjem lesti li**

**jikkoperaw ghall-gid u l-ahjar interess tal-interdetta kieku ma kienx ghall-ebusija tar-ras tal-atturi u dan l-atturi m'ghamluhx billi huma kellhom interess li kuratur ta' hwejjeg l-interdetta ikun wiehed minn fosthom, haga li l-eccipjenti bir-ragun qatt ma accettaw u mhumiex lesti li jaccettaw billi dan mhuwiex fl-ahjar interess tal-interdetta ;**

5. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti debitament ikkonfermata bil-gurament tal-konvenut Charles Edward Spiteri .**

**Rat ukoll in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Salvina Pace illi biha eccepiet :**

**Illi hija ma topponix ghall-ewwel talba attrici .**

**Illi ghal dak li jirrigwarda t-tieni talba l-eccipjenti tirrimetti ruha ghal gudizzju ta' din il-Qorti . L-esponenti tirrileva pero' li ghal dawn l-ahhar xhur Giovanna Spiteri kienet dejjem ikkurata u servuta kontinwament u b'mod esklussiv mill-atturi li anke hallsu minn buthom l-ispejjez mehtiega ghall-kura taghha .**

**Salvi eccezzjonijiet ulterjuri .**
**Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess Salvina Pace nomine debitament ikkonfermata bil-gurament ta' l-istess Salvina Pace .**

**Rat il-verbal maghmul illum seduta stante mill-konvenuti fejn huma ammettew l-ewwel talba, u ammettew ukoll it-tieni talba, u l-verbal tal-partijiet kollha, fejn qablu illi ghall-iskop tat-tieni talba ghandu jigi nominat bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-interessi ta' Giovanna Spiteri, ghandu jigi nominat Joseph Grech ta' numru dsatax (19) Triq l-Arcisqof Pietru Pace, Victoria, Ghawdex .**

**Il-Qorti ghal hekk u in vista tal-verbali maghmula mill-partijiet fl-udjenza tal-lum, tiddecidi l-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tordna l-interdizzjoni ta' l-imsemmija Giovanna xebba Spiteri, bint il-mejjet Giuzeppe, detentura tal-karta ta' l-identita' numru 44122 (G), ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, u ghaldaqstant tordna d-debita notifika lin-nutara kollha kif titlob il-ligi; tilqa' wkoll it-tieni talba, u tinnomina lil Joseph Grech fuq imsemmi, bhala kuratur sabiex jirrapprezenta l-interessi ta' l-imsemmija Giovanna Spiteri, u stante illi n-natura tal-beni appartenenti lill-imsemmija Giovanna Spiteri, tezentah mill-obbligu tal-inventarju, li minflok ghandu jaghmel tajjeb l-imsemmi dokument "E" fic-citazzjoni, illi jirrizulta illi aktarx huwa l-unici assi ta' l-istess Giovanna Spiteri .**

**B'dana pero', illi l-istess kuratur hawn nominat, ghandu jaghmel il-verifiki kollha tieghu sabiex jikkonstata jekk jirrizultawx xi assi mobbli ohra, jew immobiljari ta' l-istess Giovanna Spiteri, u f'dan il-kaz ghandu jirrelata lill-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, skond il-kaz .**

**L-ispejjez ta' din il-kawza, inkluzi dawk li gia' saru quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, ghandhom jigu sopportati ugwalment bejn l-atturi minn naha u l-konvenuti minn naha l-ohra .**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------